www.islepact.eu

PACT OF ISLANDS

## PATT TAL-GŻEJJER

**BILLI,** il-Penil Inter-Governattiv dwar il-Bidla fil-Klima (IPCC) ikkonferma li l-bidla fil-klima hija realta' u li l-użu ta' enerġija għal attivitajiet umani hija primarjament responsabbli għaliha;

**BILLI**, l-UE addottat fid-9 ta' Marzu 2007 pakkett ta' Enerġija għal Dinja li Qiegħda Tinbidel, tikkommetti li tnaqqas l-emissjonijiet tas-$CO_2$ b'20% sa l-2020, bħala riżultat ta' żieda ta' 20% fl-effiċjenza enerġetika u sehem ta' 20% ta' energija rinovabbli fit-taħlita ta' enerġija;

**BILLI**, l-"Pjan ta' Azzjoni għall-Effiċjenza fl-Enerġija ta' l-Unjoni Ewropea: Inwettqu l-Potenzjal" jinkludi bħala prijorita' l-ħolqien ta' "Patt tas-Sindki";

**BILLI** l-Patt tas-Sindki ġie implimentat b'suċċess u jipprovdi gwida għall-inizjattiva tal-Patt tal-Gżejjer;

**BILLI** l-Kumitat tar-Reġjuni ta' l-UE jenfasizza l-ħtieġa li jingħaqdu l-forzi lokali u reġjonali, għaliex governanza f'livelli diversi hija għodda effettiva biex titkabbar l-effiċjenza f'azzjonijiet li se jiġu meħuda kontra l-bidla fil-klima;

**BILLI** gżejjer huma normalment dependenti ħafna fuq il-fjuwil importat, ikollhom restrizzjonijiet fl-aċċess għall-enerġija kontinentali u jiffaċċjaw spejjeż ogħla tal-fjuwil, li hija restrizzjoni għall-iżvilupp soċjo-ekonomiku iżda wkoll opportunità importanti għar-riċerka u d-dimostrazzjoni dwar enerġiji li jiġġeddu u azzjonijiet għall-effiċjenza fl-enerġija;

**BILLI** gżejjer jistgħu jikkontribwixxu għall-Qafas ta' Riċerka Ewropea bħala laboratorji li jiżviluppaw u jippruvaw teknoloġiji ġodda ta' enerġija u metodoloġiji li jnaqqsu CO2, meta jiġi kkunsidrat il-prinċipju ta' gżejjer inkubaturi u fl-ispejjez tal-provvista ta' enerġija;

**BILLI** t-territorji insulari huma iktar vulnerabbli għat-tibdil fil-klima minħabba l-valur għoli tal-bijodiversita' u minħabba l-ekosistemi iktar fraġli tagħhom;

**BILLI** azzjonijiet implimentati fi gżejjer għandhom potenzjal multiplikattiv għoli għax ir-riżultati huma iktar faċli biex jiġu murija, it-turiżmu jippermetti viżibilita' wiesgħa u prossimita' ta' ċertu territorji insulari Ewropej għal swieq esterni (l-Afrika ta' Fuq u tal-Lvant, l-Amerika Ċentrali, l-Ewropa tat-Tramuntana, eċċ.) hija wkoll opportunita' għall-promozzjoni ta' teknoloġija Ewropeja;

**BILLI** nirrikonoxxu li l-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-gżejjer jaqsmu r-responsabbilta' li jiġġieldu t-tisħin globali mal-gvernijiet nazzjonali u li huma jkunu impenjati indipendentement mill-impenji ta' partijijet oħra;

**BILLI** l-impenn ta' l-UE li tnaqqas l-emissjonijiet se jkun jista' jiġi milħuq biss jekk kemm il-darba partijiet interessati reġjonali u lokali, ċittadini u l-gruppi tagħhom jagħtu sehemhom;

**BILLI** awtoritajiet lokali u reġjonali, jirrappreżentaw l-amministrazzjoni l-aktar qrib għaċ-ċittadin, huma jinħtieġu li jmexxu l-azzjoni u jagħtu eżempju;

**BILLI** ħafna mill-azzjonijiet, dwar d-domanda ta' l-enerġija u sorsi ta' l-enerġija li tiġġedded, neċessarji biex jingħeleb it-tfixkil tal-klima jaqgħu fl-ambitu ta' kompetenza ta' l-awtoritajiet tal-gżejjer, jew ma jkunux jistgħu jsiru mingħajr l-appoġġ politiku tagħhom;

**BILLI** l-Istati Membri ta' l-UE jistgħu jibbenefikaw minn azzjoni effettiva deċentralizzata f'livell reġjonali u lokali sabiex jissodisfaw l-impenn tagħhom fit-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gass;

**BILLI** l-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-gżejjer madwar l-Ewropa qegħdin inaqqsu il-materjal tossiku responsabbli għat-tisħin globali permezz ta' programmi għal-effiċjenza fl-enerġija, li jinkludu mobilita' urbana sostenibbli, u l-promozzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinovabbli;

**BILLI** l'Artiklu 174 tal-Verzjoni Konsolidat tat-Trattat fuq il-Funzjoni ta' l-Unjoni Ewropea (2010/C 83/01) tgħid,

> "l-Unjoni għandha tiżviluppa u ssegwi l-azzjonijiet tagħha li jwasslu għat-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tagħha. B'mod partikolari, l-Unjoni għandha timmira biex tnaqqas disparitajiet bejn livelli ta' żvilupp tar-reġjuni varji specjalmentt dawk ir-reġjuni inqas vantaġġati. Fost ir-reġjuni kkonċernati, attenzjoni partikolari għandha tingħata lil żoni rurali, lil żoni milquta minn tranżizzjoni industrijali, u lil reġjuni li jbatu minn żvantaġġi gravi u permanenti naturali jew demografiċi bħar-reġjuni tat-tramuntana b'densita' ta' popolazzjoni baxxa ħafna u reġjuni ta' gżejjer, transkonfinali u muntanjużi".

**BILLI** enerġiji sostenibbli huma fl-abbundaza fi gżejjer Ewropej u l-iżvilupp tagħhom jista' jkollu impatt sinifikanti fuq li jittaffew l-iżvantaġġi strutturali permanenti u jistgħu jipproduċu benefiċċji sinifikanti fuq il-kundizzjonijiet soċjali u ekonomiċi tal-gżejjer.

**BILLI** Direttiva 2009/28/EC tgħid li:

> "(44) Il-koerenza bejn l-għanijiet ta' din id-Direttiva u leġiżlazzjoni ambjentali oħra tal-Kommunita' għandha tiġi assigurata. B'mod partikolari, matul il-valutazzjoni, ippjanar u liċenzjar għal impjanti ta' enerġija rinovabbli, l-Istati Membri għandhom jieħdu in konsiderazzjoni l-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Kommunita' kollha u l-kontribuzzjoni minn sorsi ta' enerġija rinovabbli sabiex jintlaħqu objettivi ambjentali u ta' tibdil fil-klima, b'mod partikolari meta mqabbla ma' installazzjonijiet ta' enerġija mhux rinovabbli".

**IMPENJI**

**AĦNA, IL-MEXXEJJA POLITIĊI FIRMATARJI TAL-KOMMUNITAJIET TAL-GŻEJJER EWROPEJ NIKKOMMETTU LILNA NFUSNA LI**

**Immorru 'lil hinn mill-għanijiet** stabbiliti mill-UE għall-2020, jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO2 fit-territorji rispettivi tagħna b'ta' l-inqas 20%, permezz ta' l-implimentazzjoni ta' Pjan ta' Azzjoni Sostenibbli tal-Gżira. L-impenn u l-Pjan ta' Azzjoni se jiġu ratifikati permezz tal-proċeduri rispettivi tagħna;

**Nippreparaw inventarju ta' emissjonijiet ta' linja bażi** għal Pjan ta' Azzjoni ta' Enerġija Sostenibbli tal-Gżira;

**Nippreparaw, nadottaw u nissottomettu lill-Kummissjoni Ewropea il-Pjan ta' Azzjoni ta' Enerġija Sostenibbli tal-Gżira** fi żmien sena wara li jigi iffirmat il-Patt tal-Gżejjer;

**Naddattaw l-istrutturi tal-gżira**, inkluż l-allokazzjoni ta' riżorsi umani suffiċjenti, sabiex jittieħdu l-azzjonijiet neċessarji;

**Nimmobilizzaw is-soċjeta' ċivili fiż-żoni ġeografiċi biex tieħu sehem fl-iżvilupp tal-Pjan ta' Azzjoni**, niddeskrivu l-politika u l-miżuri meħtieġa biex nimplimentaw u nilħqu l-għanijiet tal-pjan;

**Nissottomettu Rapport ta' Implimentazzjoni lill-Kummissjoni Ewropea** ta' l-inqas kull tieni sena wara s-sottomissjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-evalwazzjoni, moniteraġġ u skopijiet ta' verifika; l-ewwel rapport ta' implimentazzjoni jiġi sottomess qabel it-tmiem tal-proġett Isle-Pact, permezz tal-koordinatur;

**Naqsmu** l-esperjenza u l-għarfien ma' gżejjer firmatarji oħra, inkluża l-parteċipazzjoni f'konferenzi u avvenimenti Ewropej xierqa, fid-direzzjoni ta' innovazzjoni u żvilupp ta' proġetti bankabbli fil-qafas ta' l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Azzjoni għall-Enerġija Sostenibbli tal-Gżira;

**Naqsmu** l-esperjenza u nikkollaboraw ma' l-inizjattiva ta' l-UE tal-Patt tas-Sindki;

**Norganizzaw kampanji u avvenimenti lokali u reġjonali għall-pubbliku**, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea u ma' partijiet interessati ewlenin oħra:

- biex nippermettu liċ-ċittadini jibbenefikaw direttament mill-opportunitajiet u l-vantaġġi offruti minn użu iktar intelliġenti ta' enerġija;
- biex inżidu l-aċċettabilita' ta' sorsi ta' enerġija minn kommunitajiet lokali u nippromwovu l-idea ta' użu razzjonali ta' enerġija; u
- biex ninfurmaw regolarment lill-midja lokali fuq żviluppi li jikkonċernaw il-Pjan ta' Azzjoni;

**Inxerrdu l-messaġġ tal-Patt tal-Gżejjer fuq livell Ewropew** fil-fora xierqa u partikolarment, ninkoraġġixxu awtoritajiet tal-gżira oħrajn li jissieħbu fil-Patt tal-Gżejjer;

**Nimmobilizzaw investimenti fl-enerġija sostenibbli** fit-territorji rispettivi tagħna, fil-qafas ta' ISLE-PACT.

**Naċċettaw it-tmiem tas-sħubija tagħna fil-Patt tal-Gżejjer,** soġġett għal avviż minn qabel bil-miktub mill-Kummissjoni Ewropea, f'każ ta':

i) nuqqas ta' sottomissjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Sostenibbli tal-Gżira fi żmien sena mill-firma formali tal-Patt;
ii) in-konformita' mal-objettiv tat-tnaqqis globali tas-CO2 kif stipulat fil-Pjan ta' Azzjoni, minħabba nuqqas ta' implimentazzjoni jew implimentazzjoni suffiċjenti tal-Pjan ta' Azzjoni;
iii) nuqqas ta' sottomissjoni tar-Rapport ta' Implimentazzjoni f'żewġ perjodi suċċessivi;

**AĦNA L-AWTORITAJIET TAL-GŻIRA NAPPREZZAW**

L-inizjattivi u l-azzjonijiet speċifiċi għall-gżejjer tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni ta' l-UE;

L-assistenza u l-appoġġ finanzjarju relatat tal-Kummissjoni Ewropea, partikolarment permezz ta' l-inizjattiva ta' ISLE-PACT;

**AĦNA L-AWTORITAJIET TAL-GŻIRA NITOLBU APPOĠĠ MILL-**

**Kummisjoni Ewropea u l-amministrazzjonijiet nazzjonali** li jwaqqfu skemi ta' kooperazzjoni u strutturi koerenti ta' appoġġ li jinkludu finanzi għall-implimentazzjoni ta' Pjanijiet ta' Azzjoni għall-Enerġija Sostenibbli tal-Gżejjer u billi jiffaċilitaw fil-livell leġiżlattiv u/jew regolatorju sabiex jingħelbu ostakli mhux tekniċi li jipprevjenu proġetti ta' investiment milli jsiru viabbli;

**Kummissjoni Ewropea u l-amministrazzjonijiet nazzjonali** li jagħrfu l-attivitajiet fil-Patt tal-Gżejjer bħala prijoritajiet strateġiċi fil-programmi ta' appoġġ rispettivi tagħhom fil-qafas ta' l-inizjattivi tat-tibdil fil-klima;

**Kummissjoni Ewropea** billi tipprovdi għarfien u viżibilta' pubblika tal-gżejjer li jiffirmgħu fil-Patt tal-Gżejjer permezz ta' l-użu ta' "logo" tal-istess Patt u promozzjoni tas-sehem, l-għan u azzjonijiet permezz tal-mezzi ta' komunikazzjoni tal-Kummissjoni;

**Il-Bank Ewropew għall-Investiment** jew istituzzjonijiet finanzjarji simili għall-finanzjament insulari tal-proġett;

**Il-Kummissjoni Ewropea** billi talloka fondi għal assistenza teknika taħt il-faċilita' ELENA. L-allokazzjoni ta' dawn il-fondi, għandha tieħu in konsiderazzjoni l-ispeċifiċita' tar-reġjuni tal-gżejjer, kif ukoll id-diffikultajiet ta' dawn il-periferiji li jkollhom aċċess dirett għall-korpi deċiżjonali (eż. BEI). Fondi oħra (eż. self, pjan ta' rkupru eċċ.) jistgħu jkunu diretti lejn proġetti maturi fil-Gżejjer Ewropej, permezz ta' strutturi ta' appoġġ (nominati taħt l-iskema tal-Patt tas-Sindki) u/jew awtoritajiet reġjonali, sabiex tkun faċilitata l-aċċessibilita' għal dawn il-fondi u assigurata l-viżibilita' tal-proċess kollu.

**AĦNA L-AWTORITAJIET TAL-GŻIRA NISTIEDNU**
**Gżejjer oħra u reġjuni ta' gżejjer** li jissieħbu fil-PATT TAL-GŻEJJER bħala dikjarazzjoni ta' l-impenn politiku tagħhom li jaderixxu ma' u jirrispettaw l-għanijiet tiegħu

**Partijiet interessati ewlenin oħra** li jistgħu jikkontribwixxu għall-kisba ta' l-għanijiet tagħna

Mr. Joseph Cordina
Membru tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali

F´isem:
Mr. Mario Gauci, Sindku ta´ Ħal Għargħur

12 t´April 2011, Brussels